**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 02

Data tal-laqgħa: 24 ta' Lulju, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**02/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**02/01/01** Ma kienx hemm.

**02/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ewwel Laqgħa**

**02/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**02/02/02** **Para 01/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sa. Jeanette Galea aċċettat li tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**02/02/03** **Para 01/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie deċiż li l-Bord tas-Selezzjoni ikun kompost mis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**02/03/01** Ma kienx hemm.

**02/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**02/04/01** Ma kienx hemm.

**02/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/05/01** Is-Sindku pproponiet mera ġdida fi Sqaq tal-Ferħa għall-użu personali. Kien hemm qbil unanimu li titħallas mir-resident.

**02/05/02** Fuq it-talba ta' resident għal mera ġdida fi Triq Ferdinand għall-użu personali. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**02/05/03** Fuq it-talba ta' residenta għal mera fi Triq San Ġwann (qrib il-mitħna) għall-użu personali. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**02/05/04** Fuq it-talba ta' residenta għal sinjal jew tabella kif trid iddur mar-roundabout. Il-Kunsill qabel li jsiru vleġeġ mar-roundabout iċ-ċatta ta' Triq Caravaggio.

**02/05/05** Is-Sindku resqet talba għal traffic lights fi Triq Santa Katerina (direzzjoni Swieqi). Il-Kunsill ma laqax din it-talba. Barra minn hekk, bħalissa f'dik it-triq hemm kwistjonijiet legali. Is-Sa Mariah Meli qalet li hemm bżonn isir impact assessment minn TM madwar il-Għargħur kollu.

**02/05/06** Fuq it-talba ta' resident biex teħel rack tar-roti. Is-Sa Marilena Hassan qalet li rridu noqogħdu attenti li r-rack ma tostakolax it-triq jew bankina. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li tiġi f'Misraħ il-knisja lejn Triq Mons. Luigi Catania filwaqt li s-Sa Francesca Attard issuġġerixxiet li tiġi qrib l-Oratorju. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tagħmel kuntatt ma' resident biex naraw fejn qed jissuġġerixxi u nimxu minn hemm.

**02/05/07** Fuq is-suġġeriment biex it-*telephone box* tiġi librerija. Is-Sur Christopher Fenech qal li dik proprjetà tal-GO plc u għalhekk irridu nieħdu permess mingħandhom. Is-Sa Mariah Meli issuġġeriet li nagħmlu kuntatt mal-Heritage Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/08** Fuq is-suġġeriment ta' residenta biex it-*telephone box* tiġi restawrata, kien hemm qbil unanimu li nieħdu parir minn Heritage Malta.

**02/05/09** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq Caravaggio qrib Triq iċ-Ċawl. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn l-inħawi u filkas wara ssir *site visit* ma' uffiċjal ta' TM.

**02/05/10** Fuq is-suġġeriment ta' residenta biex nixtru kitla sabiex tintuża mill-anzjani li jattendu l-attivitajiet organizzati mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/11** Fuq it-talba għal 3m double yellow line fi sqaq fi Triq l-Indipendenza. Ġie deċiż li din it-talba trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**02/05/12** Is-Sindku resqet ilment li parti mill-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Dun Gio Batta Chetcuti qed jaqa'. Kien hemm qbil unanimu li dan ix-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**02/05/13** Fuq it-talba ta' resident biex il-Kunsill jinstalla mqar 2 fanali tul Sqaq Qiegħed biex b'hekk kemm ir-residenti u anke dawk li jagħmlu użu minnu jkollhom aċċess tad-dawl fit-trejqa fid-dlam. Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-Enemalta sa fejn tasal il-linja tad-dawl.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/05/14** Is-Sindku qalet li kull filgħodu numru ta' karozzi jgħaddu minn Triq John Adye u jidħlu minn ġol-Għargħur bil-konsegwenza li jikkawżaw konġestjoni. Għalhekk isuġġeriet li ssir talba lil TM għal approvazzjoni ta' tabelli ta' *no-entry* bejn 6:30am – 9:00am fejn hemm Merħba Għargħur.

**02/05/15** Is-Sindku resqet talba għal *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn l-inħawi u filkas wara ssir *site visit* ma' uffiċjal ta' TM.

**02/05/16** Is-Sindku resqet talba għal *sleeping police* fi Triq Mons L. Catania. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn l-inħawi u filkas wara ssir *site visit* ma' uffiċjal ta' TM.

**02/05/17** Fuq l-ilment ta' residenta li hemm dar fi Triq Caravaggio (qrib il-bus stop Vendome) u li għandha siġra li timblokka l-bankina. Is-Sur Christopher Fenech ippropona li nibagħtu ittra lis-sid u jekk ma jieħux azzjoni fi żmien ħmistax, nieħdu azzjoni aħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/18** Fuq it-talba biex teħel tabella bl-iskeda tal-ġbir tal-iskart fi Triq D. Farrugia. Is-Sa Francesca Attard qalet li qed ikun hemm ħafna boroż taż-żibel u li hemm bżonn ta' iktar infurzar tal-liġijiet. Is-Sa Attard ipproponiet li jsir skip imma s-Sindku spjegat li mbagħad tinħoloq problema li kulħadd jibda jarmi bl-addoċċ. Is-Sa Mariah Meli ħarġet b'idea li naraw jekk il-bankina taqax taħt il-gvern jew il-privat sabiex jekk hi pubblika jitpoġġew xi qsari u b'hekk insebbħu l-ambjent.

**02/05/19** Fuq it-talba għal *bollards* fi Triq Ferdinand. Is-Sindku qalet li diġà hemm tabella li mhux suppost jidħol makkinarju kbir. Is-Sa Francesca Attard qalet li Triq Ferdinand hija l-unika dħul għal dawn it-toroq (Sqaq Charlotte, Triq F. Zarb, Triq San Ġorġ, Triq Kromb il-Baħar u Triq il-Ġnien).

**02/05/20** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* faċċata tal-garaxx tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li s-sid jingħata *no parking signs* meta jkollu bżonn joħroġ id-dgħajsa mill-garaxx, ħalli ma jintilefx parkeġġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/21** Fuq it-talba għar-*residential parking* fi Triq l-Isqof Gargallo. Is-Sa Mariah Meli reġgħet insistiet li hemm bżonn isir impact assessment minn TM madwar il-Għargħur kollu. Is-Sur Christopher Fenech qal li fi Triq Caravaggio, Triq S. Zerafa kif ukoll Triq San Ġwann hemm problema kbira.

**02/05/22** Fuq is-suġġeriment biex l-STOP ta' mal-art fi Triq San Nikola (ħdejn l-ATM) tiġi fi nofs ta' triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/23** Fuq l-ilment ta' resident rigward żibel u vetturi mhux awtorizzati f'Top of the world. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' iktar infurzar tal-liġijiet u preżenza tal-Pulizija tal-komunità.

**02/05/24** Fuq it-talba ta' residenta għal bin żgħir ħdejn il-*bus stop* Gargallo fi Triq San Ġwann. Is-Sindku qalet li ħadd ma jrid bin wara biebu. Is-Sa Mariah Meli pproponiet li jitpoġġa fil-bidu ta' Sqaq tal-Ħofra filwaqt li s-Sur Christopher Fenech issuggerixxa qrib ix-xatba tal-barriera. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**02/05/25** Fuq is-suġġeriment biex inżidu aktar bins magħluqa f'Top of the world. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li nippruvaw nagħmlu kuntatt tal-Malta Tourism Authority peress li kienu għenuna qabel. Is-Sa Marilena Hassan qalet li hemm bżonn isir poster dwar il-ħmieg tal-klieb fit-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/26** Fuq is-suġġeriment ta' residenta sabiex ix-Xwieki jkun aktar aċċessibli għal kulhadd. Ġie deċiż li nistaqsu lir-residenta x'qed tipproponi eżatt min-naħa tagħha u biex filkas issir *site visit*.

**02/05/27** Is-Sindku resqet talba għal Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/28** Is-Sa Francesca Attard qalet li hemm bżonn rilokazzjoni tal-arblu fejn hemm cctv camera fi Triq Għaxqet l-Għajn sabiex il-ħaddiema li qed jagħmlu xogħol ta' restawr fuq il-Victoria Lines ikunu jistgħu ikomplu. Is-Sur Christopher Fenech qal li aħjar naraw jekk cctv camera hiex qed taħdem. Barra minn hekk, naraw jekk jistax jinqala' kompletament sakemm isiru x-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istima kienet fuq €1,600 imma filkas titlob iktar stimi.

**02/05/29** Is-Sa Attard qalet li l-Kunsill ħareġ sejħa għal membri ġodda fi Sotto Kumitat Qasam Soċjali imma sal-lum ħadd għadu ma applika.

**02/05/30** Is-Sa Attard ipproponiet li laqgħat kemm mal-għaqdiet kif ukoll ma' residenti idealment isiru filgħaxija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/31** Is-Sa Attard qalet li tixtieq li jinħoloq Sotto Kumitat tal-Kultura u Attivitajiet u li fih ikun hemm membru minn kull għaqda kif ukoll persuni oħra interessati. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/32** Is-Sa Attard staqsiet kemm hu l-baġit breakdown tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qeda tipprovdi din l-informazzjoni.

**02/05/33** Is-Sa Attard talbet kopja tas-sublease agreement ta' searchlight battery kif ukoll ta' semaphore tower. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tipprovdi kopja ta' sublease agreement ta' searchlight battery u li għalkemm bħalissa s-semaphore tower qed jintuża bħala mużew tar-radjijiet qatt ma ġie ffirmat sublease agreement.

**02/05/34** Is-Sa Marilena Hassan qalet li bl-għajnuna tal-voluntiera ser tkun qed torganizza żewġ attivitajiet għat-tfal. L-ewwel waħda hija 'Kids Crafts Session' li ħa ssir fi 13 t'Awwissu fl-4:30pm u t-tieni waħda 'Movie Night' li ħa jsir fi 22 t'Awwissu fil-5:00pm. Dawn ha jsiru fis-Sala tal-Kunsill.

**02/05/35** Is-Sa Mariah Meli qalet li saret laqgħa ma' Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Indafa Pubblika u mal-Kap tad-Dipartiment tat-Tindif rigward is-servizz tal-knis fil-lokalità. Is-Sa Meli spjegat li ħa ssir laqgħa oħra ma' Sur Mario Fava l-President tal-AKL fuq l-istess suġġett.

**02/05/36** Is-Sa Meli qalet li tixtieq iktar informazzjoni dwar it-tindif fi żmien il-festa fejn jidħol knis ta' toroq, ġbir tal-iskart, bins addizzjonali u l-bqija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qeda tipprovdi din l-informazzjoni.

**02/05/37** Is-Sa Meli qalet li hemm bżonn isir ħasil ta' toroq kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt kontinwu mal-Kap tad-Dipartiment tat-Tindif is-Sur Ramon Deguara. Is-Sa Meli qalet ukoll li preferibbilment jinfurmawna minn qabel biex inkunu nistgħu ninfurmaw lir-residenti.

**02/05/38** Is-Sa Meli qalet li saret laqgħa mal-għaqdiet rigward it-Town Twinning Cultural Educational Programme. Dan il-proġett jaqa' taħt Citizens, Equality, Rights and Values Programme (CERV) u d-data tal-għeluq hija 18 ta' Settembru 2024. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

**02/05/39** Is-Sa Meli ipproponiet li nieħdu sehem fil-European Week of Sport (23 – 30 ta' Settembru) billi jiġu organizzati sport u attività fiżika tal-għażla tagħna. Kulħadd jista' jipparteċipa u dawn isiru f'diversi postijiet pubbliċi bħal fil-pjazza u ġonna pubbliċi. Is-Sa Meli issuġġeriet li din isir għal kawża ġusta billi jinġabru donazzjonijiet b'risq Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/40** Is-Sa Meli qalet li tixtieq li għalinqas darba f'xahar is-Sibt jew il-Ħadd tingħalaq triq u fiha ssir attività sportiva. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/41** Is-Sa Meli resqet li darba jew darbtejn fi xahar issir promozzjoni tal-sessjonijiet li jkunu qed isiru fis-sala tal-kunsill bħal pilates, aerobics, fitness u line dancing. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/42** Is-Sa Meli resqet li l-Community Clinic (Berġa) tar-raħal tiġi imbierka. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tagħmel kuntatt mal-Kap Eżekuttiv għall-Kura tas-Saħħa Primarja.

**02/05/43** Is-Sa Meli qalet li rċeviet talba mill-Kumitat Festa San Bartilmew biex isiru numru ta' toqob. Dawn it-toqob ser isiru permezz tal-MOU mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/44** Is-Sa Meli qalet li hemm numru ta' dokumenti li mhux jidhru fuq is-sit uffiċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tapplowdja d-dokumenti neqsin.

**02/05/45** Is-Sa Meli semmiet li fis-sezzjoni tal-'Audit Financial Statements' hemm imnizzlin 'other' mingħajr ma jindika breakdown tal-'other' x'inhuma. Is-Sa Meli qalet li tixtieq tkun taf x'inhuma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qeda tipprovdi din l-informazzjoni. Is-Sa Meli qalet li l-Kunsill naqas milli jikseb ċertifikazzjoni tal-perit qabel ma ħareġ il-ħlas lis-suppliers tax-xogħlijiet tal-Berġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Perit ħareġ ċertifikazzjoni wara li xogħlijiet ġew konklużi u kienu konformi mal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sa Meli talbet li ċertifikazzjoni tiġi ppreżentata. Is-Sa Francesca Attard staqsiet jekk l-istimi tax-xogħlijiet li jkunu se jsiru jitilgħux għal kunsill biex jiġi maqbul liem se tintgħażel u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li iva. Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob li jiġi rappreżentant tal-accountant biex jispjega aħjar.

**02/05/46** Is-Sa Meli qalet li kien hemm diskrepanza fuq l-ammont bħala 'deferred income' mill-Agriculture and Rural Payments Authority (ARPA) għal Proġett Measure 4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Accountant ħa ħsieb biex tiġi żgurata l-korrettezza fil-kotba tal-Kunsill.

**02/05/47** Is-Sur Christopher Fenech saqsa meta se jasal il-playing equipment ta' Ġnien il-Paċi. Is-Sindku qalet li suppost dalwaqt.

**02/05/48** Is-Sur Fenech ressaq sabiex il-ħaddiem tagħna jneħħu l-ġebel, il-kurduna u s-siment tal-bankina fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/49** Is-Sur Fenech ressaq li jsiru żewġ *zebra crossings* Triq Caravaggio – Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sa faċċata. Il-Kunsill qabel li nieħdu parir minn Transport Malta.

**02/05/50** Is-Sur Fenech ippropona li jsir MC Bay fi Triq Dun Salvatore Zarb. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site visit*.

**02/05/51** Is-Sur Fenech qal li *zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew mhix qed taħdem għax ma hemmx konnessjoni. Ġie deċiż li Segretarju Eżekuttiv tkellem lill-kuntrattur biex tara x'hemm ħażin.

**02/05/52** Is-Sur Fenech ippropona li jinżabru s-siġar ta' Vjal ir-Repubblika u jinqata' l-ħaxix ta' Triq Kromb il-Baħar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/53** Is-Sur Fenech spjega li għandna nikkunsidraw li jsiru Communal Reserved Parking Bays for Blue Badge Holders madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/54** Is-Sur Fenech qal li rridu niġru wara l-GO p.l.c. minħabba l-arblu ta' Triq il-31 ta' Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv se ddaħħal rapport.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/05/55** Is-Sur Fenech talab kopja tal-kuntratt tal-latrina pubblika kif ukoll il-ħinijiet tal-ftuħ u tal-għeluq kemm matul is-sena kif ukoll fil-ġranet tal-festa. Barra minn hekk, ressaq li nippruvaw napplikaw ghal fondi biex nirranġawha.

**02/05/56** Is-Sur Fenech spjega li hemm bżonn isir refreshing ta' sinjali tat-toroq speċjalment ta' Triq San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/57** Is-Sur Fenech qal li x-xogħol li sar mill-Water Services Corporation fi Triq San Ġwann ma sarx tajjeb u li rridu noqgħodu attenti minħabba l-għargħar. Apparti minn hekk għadhom ma installawx il-bollards. Is-Sindku qalet li diġà ġibditilhom l-attenzjoni fuq dawn in-nuqqasijiet. Is-Sa Mariah Meli qalet li hemm bżonn isir xi tip ta' assesjar minn TM fuq possibbiltà li ssir bankina f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv se tieħu parir mit-Traffic Management Officer.

**02/05/58** Is-Sur Fenech talab aġġornament fuq *in-notice boards*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja mal-fornitur.

**02/05/59** Is-Sur Fenech talab li l-ħaddiem Alfred Cuschieri jidħol overtime is-Sibt u l-Ħadd tal-festa sabiex inaddaf il-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/60** Is-Sur Fenech qal li hemm bozza maqtugħa fi Triq il-Ġnien bejn Busietta Gardens u traffic lights. Is-Segretarju Eżekuttiv se ddaħħal rapport.

**02/05/61** Is-Sur Fenech qal li ħiereġ ħafna ilma fi Sqaq tal-Ħofra. Is-Segretarju Eżekuttiv se tirrapporta lil Water Services Corporation.

**02/05/62** Is-Sur Fenech talab li tiġi stampata mappa kbira li turi l-lampi u l-fanali kollha tal-Għargħur. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/63** Is-Sur Fenech qal bħal ma sar fi snin preċedenti għandna noġġezzjonaw għal kwalunkwe applikazzjoni li tkun barra ż-żona tal-iżvilupp. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/64** Is-Sur Fenech semma l-iskema l-ġdida 'Cat Feeders Scheme'. Is-Sindku qalet li se jkunu qed jitqassmu vawċers lil cat feeders li jistgħu jissarrfu f'ikel niexef (dry food) għall-qtates.

**02/05/65** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Mejju 2024).

**02/05/66** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Ġunju 2024).

**02/05/67** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Ġunju 2024).

**02/05/68** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Ġunju 2024).

**02/05/69** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Ġunju 2024).

**02/05/70** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Lulju 2024).

**02/05/71** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn huma rċevew talba għal timed parking bay of 15 minutes with unrestricted parking remaining hours quddiem The Village Store fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**02/05/72** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li qed titlob bin aħmar fi Triq D. Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni diment li jitpoġġa qrib ir-residenza tagħha.

**02/05/73** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li qed jitlob li waħda mit-tabelli "Pedestraisn Only" ta' Top of the World, Triq Għaxqet l-Għajn tinbidel għal "One-way-No Entry". Il-Kunsill qabel li

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

sakemm it-triq tkun lesta kollox jibqa' kif inhu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-pulizija tal-komunità biex jagħmlu iktar rondi.

**02/05/74** Ġiet innutata korrispondenza mill-Kumitat Festa San Bartilmew fejn qed jitolbu li jsiru numru ta' toqob madwar ir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet il-lista lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi peress li xi wħud mit-toqob huma urġenti.

**02/05/75** Ġiet innutata korrispondenza minn Prolegal Advocates – Triq Santa Katerina

**02/05/76** Ġiet innutata korrispondenza minn resident fejn qed jitlob li fi Xwieki Area jeħlu tabelli timed parking except for residents. Il-Kunsill qabel li nieħdu parir minn Transport Malta.

**02/05/77** Ġiet innutata korrispondenza minn Dr. John L. Gauci li għarrafna li fis-searchlight battery suppost hemm arloġġ tal-ilma bin-numru 519757. Dan l-arloġġ mill-antiki. Jekk l-arloġġ tal-ilma ma għadux hemm, il-proċedura hija li WSC jagħmlu spezzjoni. Jekk il-meter ma jinstabx, hemm multa ta' €1,500.

**02/05/78** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn infurmatna li l-applikazzjoni għal parkeġġ riservat personalizzat (ref: 11608) fi Triq San Ġwann ma ġietx milqugħ għax ma hemmx vettura rregistrata fuq l-indirizz tal-applikant.

**02/05/79** Ġiet innutata korrispondenza mill-Local Government Division – Qed issir referenza għall-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali tal-Għargħur għall-iskema SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025. Wara li l-applikazzjonijiet kollha ġew evalwati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, it-talba tagħna għall-fondi ġiet aċċettata.

**02/05/80** Ġiet innutata talba minn residenta għal Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**02/05/81** Ġiet innutata stedina mill-GAL Majjistral għal Annual General Meeting tal-Majjistral Action Group Foundation li ħa jsir fl-1 t'Awwissu 2024 fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Kien hemm qbil unanimu li għal laqgħat tal-GAL Majjistral tibda tattendi s-Sa Mariah Meli.

**02/05/82** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ċir AKL 2024/047 Group Life Policy 2024 – 2025 għal Membri Eletti. Din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm il-darba din il-polza tkun għadha qed titħallas. Il-kopertura hija waħda 24/7 u li tkopri l-pajjizi kollha. Din il-polza tkopri l-perjodu mill-1 t'Awwissu 2024 sal-31 ta' Lulju 2025.

**02/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**02/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**02/07 Ħruġ t' offerti**

**02/07/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-awtorizzazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar biex tinħareġ sejħa għal offerti biex issir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard.

**02/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**02/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 12 t' Awwissu 2024 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**